**60. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jitrasferixxi lura l-artijiet kompriżi f'dawk l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini li ġew revokati lis-Sidien tal-Jeddijiet għall-Kumpens (kif definit bl-Artikolu II tal-Att I tal-1983) illi jirreferi għal dawk l-artijiet u li japplikaw għalihom:

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-artijiet kompriżi f'dawk l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini li ġew revokati jiġu trasferiti tale quale b'titolu ta' tpartit lis-sidien tal-Jeddijiet għall-Kumpens relattivi għal kull biċċa art li tiġi hekk trasferita u li jkunu applikaw għaliha, bil-korrispettiv għal kull biċċa Art, tal-Jeddijiet għall-Kumpens relattiv għall-istess art, libri u franki minn kull piż, ipoteka jew privileġġ, kif ukoll kull dritt għal interessi jew danni oħra li jistgħu jkunu dovuti, u li l-Att relattiv isir f'kull każ minn Nutar Prinċipali tal-Gvern jew wieħed minn Nutara tal-Gvern, u li l-ispejjeż tat-Trasferimenti jitħallsu mill-Gvern.

02.03.1988

**Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon ressaq din l-Emenda "A":**

"Fir-raba' paragrafu tal-mozzjoni kif proposta minflok il-kliem "l-ispejjeż tat-Trasferimenti jitħallsu mill-Gvern" għandhom jidħlu l-kliem "l-ispejjeż tat-Trasferimenti jitħallsu mill-Gvern, u bil-kondizzjoni li fejn l-art li tiġi trasferita kienet immedjatament qabel id-dikjarazzjoni tagħha bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini, soġġetta għall-kirja, kull kirja terminata skond l-artikolu 5 ta' l-Att I tal-1983, tiġi repristinata mill-persuna li lilha l-art tiġi trasferita, lil dik il-persuna li qabel dik id-dikjarazzjoni kellha l-kirja favuritha, jew fejn dik il-persuna tkun mietet favur l-eredi tagħha."

**L-Emenda "A" għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet fis-Seduta 98 tas-27 ta' April 1988.**